# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 27 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 35.**
**Citazz. Nru. 2199/00 JRM**

**LOMBARD BANK MALTA p.l.c.**

**vs**

**TEO CONSTRUCTIONS LIMITED bhala debitur principali u Teodosio sive Dennis u Emanuela konjugi Baldacchino bhala garanti solidali.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:
Illi l-Bank attur permezz ta' zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba li jgibu d-dati tas-sbatax (17) ta' Frar

tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996), u iehor fl-atti tan-Nutar Hugh Grima li jgib id-data ta' l-erbgha (4) ta' April tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997), li kopji legali taghhom huma hawn annessi u mmarkati Dok "A", Dok "B" u Dok "C", ikkonceda lis-socjeta' Teo Constructions Limited facilitajiet ta' "overdraft" u "loan" u in forza ta' dawn il-facilitajiet l-imsemmija socjeta' sselfet flus minghand il-Bank attur u ghandha debitu bilancjali komplessiv favur l-istess Bank attur ta' hamsa u ghoxrin elf, mija hamsa u erbghin liri maltin u centezmu (Lm25,145.01) dovuti in kwantu ghal tnejn u ghoxrin elf tnejn u erbghin liri maltin hamsa u sittin centezmu (Lm22,042.65) bilanc ghad-debitu fl-"overdraft account" u in kwantu ghal tlett elef mija u zewg liri maltin sitta u tletin centezmu (Lm3102.36) bilanc ghad-debitu fil-"loan account" u dan skond "statements" hawn annessi u mmarkati Dok "D" u Dok "E", bl-interessi kkalkolati sal-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) sad-data tal-pagament effettiv, u ggarantiet l-hlas lura ta' l-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka generali fuq il-proprjeta' taghha kollha prezenti u futuri skond kif ahjar deskritt fl-imsemmija kuntratti;

Illi permezz tat-tlett kuntratti hawn fuq imsemmija u hawn annessi u mmarkati Dok "A", Dok "B" u Dok "C", il-konvenut Teodosio sive Dennis Baldacchino ggarantixxa solidalment mas-socjeta' konvenuta Teo Constructions Limited il-hlas lura ta' l-imsemmi debitu billi kkostitwixxa ipoteka generali fuq il-proprjeta' kollha tieghu prezenti u futuri u ipoteka specjali fuq proprjeta' f'Hal-Qormi skond kif hemm ahjar deskritt, u l-konvenuta Emanuela Baldacchino ggarantiet solidalment ma' zewgha u mas-socjeta' konvenuta l-hlas lura ta' l-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka generali fuq il-proprjeta' taghha prezenti u futuri u tat il-kunsens taghha ghall-ghotja minn zewgha ta' l-

ipoteka specjali hawn fuq imsemmija peress illi l-proprjeta' ipotekata kienet tikkostitwixxi d-dar matrimonjali;

Illi permezz ta' zewg skritturi privati li l-originali taghhom huma hawn annessi u mmarkati Dok "F"u Dok "G" il-konvenuti Teodosio sive Dennis u Emanuela konjugi Baldacchino iggarantixxew solidalment mas-socjeta' konvenuta l-hlas lura ta' dan id-debitu sa' l-ammont ta' hdax-il elf liri maltin (Lm11,000) u disat elef liri maltin (Lm9,000) skond kif hemm ahjar deskritt;

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:

1. Jigu l-konvenuti kollha solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lill-Bank attur s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf mija hamsa u erbghin liri maltin u centezmu (Lm25,145.01) dovuti in kwantu ghal tnejn u ghoxrin elf tnejn u erbghin liri maltin hamsa u sittin centezmi (Lm22,042.65) bilanc ghad-debitu fl-"overdraft account" u in kwantu ghal tlett elef mija u zewg liri maltin sitta u tletin centezmu (Lm3102.36) bilanc ghad-debitu fil-"loan account", u dan skond zewg "statements" hawn annessi u mmarkati Dok "D" u Dok "E" bl-interessi kkalkolati sal-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT, kif ukolll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) u l-imghaxijiet legali mill-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom, u kontra l-konvenuti l- ohra li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti tat-13 ta' Novembru, 2000, f'pagna 31 tal-process li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t- talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti kollha solidalment sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf mija hamsa u erbghin lira maltin u centezmu (LM25,145.01) dovuti in kwantu ghal tnejn u ghoxrin elf tnejn u erbghin liri maltin hamsa u sittin centezmu (Lm22,042.65) bilanc ghad-debitu fl-"overdraft account" u in kwantu ghal tlett elef mija u zewg liri maltin sitta u tletin centezmu (Lm3102.36) bilanc ghad-debitu fil-"loan account", u dan skond zewg "statements" hawn annessi u mmarkati Dok "D" u Dok "E" bl-interessi kkalkolati sal-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000), u bl-ispejjez u l-imghaxijiet kif mitluba u dekorribili mill- ewwel (1) ta' Settembru, 2000 sal-hlas effettiv kontra l- konvenuti solidalment.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**27 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Novembru, 2000.**